# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 25/2023 (SG)**

**Il-Pulizija**
(Supretendent Bernard-Charles Spiteri)

**versus**

**Paschalino Cefai**

**Illum 6 ta' Ġunju, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Paschalino Cefai ta' 43 sena iben il-mejjet Joseph u Theresa nee' Saliba imwieled f'Attard nhar is-26 ta' Diċembru 1979 u resident 24, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ Għawdex u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 52480M fejn ġie akkużat talli nhar 9 ta' Awwissu 2023 fi xi ħin bejn 11:45a.m. u 12:00p.m. waqt li kien qiegħed fir-residenza 24, triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ u/jew fil-viċinanzi fil-Gżira t'Għawdex:

1. *Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċjoè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Viktor Markovic, ħekk kif ċertifika Dott. Alexander Krynicki M.D. Reg. No. 4908 u dan bi ksur tal-artikoli* ***214, 216 u 218*** *tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*U ġie akkużat talli fil-lejl ta' bejn 6 u 7 t'Awwissu 2023 bejn 7.00p.m. u 3.00a.m. waqt li kien qiegħed fi triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Żebbuġ Għawdex u/jew fil-viċinanzi:-*

2. *Volantarjmanet ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħfief fuq il-persuni tas-sieħba tiegħu Robyn Vella, skont ma ċertifikat Dr. Joseph Vella M.D. minn l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u dan bi ksur tal-artikolu 221(3) u 222 tal-Kapitolu 9;*

3. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċjoè ħsara fuq il-vettura Volks Wagen bin-numru ta' reġistrazzjoni BCG837, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix mitejn u ħamsin ewro (€250), u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddab jew qabad arma u ċjoè arma li taqta' u bil-ponta kontra l-persuna ta' sieħba tiegħu Robyn Vella u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(b) tal-kap. 9;*

5. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi hedded jew inġurja bi kliem jew bi mod ieħor lil sieħba tiegħu Robyn Vella u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9;*

6. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna tas-sieħba tiegħu Robyn Vella sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmilha ħsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9;*

7. *U aktar nhar 9 ta' Awwissu 2023 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Żebbuġ Għawdex u/jew fi dawn il-Gżejjer bl-imġiba tiegħu kkaġuna lil sieħba tiegħu Robyn Vella tibża' li ser tintuża vjolenza fuqha jew fuq il-propjetà tagħha u dan bi ksur tal-artiklu 251B(1) tal-Kap. 9;*

8. *U aktar talli naqas xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digrieti mill-Qorti Kriminali (Malta) (Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.) datat 24 ta' Novembru 2016 u minn l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D) data 19 ta' Jannar 2023, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li ma jagħmilx reat ta' natura volontarja kemm idum jibbenfika minn dan il-ħelsien u dan bi ksur tal-artikoli 579 tal-Kapitolu 9;*

9. *U aktar talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta u/jew Għawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġi mibdula.*

*Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Paschalino Cefai u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmija imputat kif ukoll tordna s-somma bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** id-dokumenti kollha ppreżentati;

**Semgħet** il-provi prodotti;

**Rat** in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2025 u rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li dan il-każ jinstema' bi proċedura sommarja;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Rat** li dan il-każ ġie differit għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-allegati vittmi ma xehdux. Addirittura Robyn Vella talbet li l-proċedura titwaqqaf fir-rigward ta' dawk l-akkużi li jirrigwardaw dak li ġara bejnha u l-imputat. Ix-xhud okulari Tereza Cefai ma setgħet tikkonferma xejn, peress li ma kinitx preżenti waqt l-akkadut inkwistjoni. Ġiet inserita f'dan il-proċess vera kopja ta' stqarrija li kien irrilaxxa Viktor Markovic meta kien qed jiġi investigat fuq rapport li sar kontra tiegħu fir-rigward tal-istess inċident, iżda dan isemmi biss l-inċident b'mod vag u b'mod mhux dettaljat. B'hekk Markovic f'din l-istqarrija ma jagħtix dawk id-dettalji li fil-fehma umli ta' din il-Qorti huma neċessarji sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal għal sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni.

Meta l-Qorti fliet l-atti kollha u l-provi mressqa, hija tqis li ma għandhiex quddiemha provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli sabiex issib ħtija fl-imputat u għalhekk sejra tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.

**DECIDE**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tillibera lil Paschalino Cefai minn kull kundanna u ħtija.**

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**